# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI (7)



JOSEPH SERRACINO



F'dawn it-tliet każi li se nirrakkontalkom, il-protagonisti tagħhom huma barranin. Matulhom wieħed jinnota, li waqt li l-pulizija Maltija pprovat taqdi dmirha u tressaq lill-ħatjin quddiem il-qorti biex issir ġustizzja, b'danakollu mhux dejjem irnexxielha jew inkella aħjar, ma tħallietx teżerċita l-ġustizzja skont il-liġijiet tagħha.

L-ewwel każ interessanti li se nsemmi hu dak li ġara fl-14 ta' Awissu 1809, meta raġel Ingliż li kien jismu James Green kien ġie mġiegħel mill-qorti li jkanta l-palidonija, jiġifieri jgiddeb lilu nnifsu milli qal fuq il-mara ta' wieħed Lhudi li kien jismu Mosè Abeasis f'nofs ta' triq fejn qabel kien qasqas fuq għajru.

Ġara iżda li l-għada li ngħatat din is-sentenza, Green bagħat stedina għad-dwell lil Abeasis, u fiha talbu biex jiltaqgħu l-għada filgħodu wara ċ-ċimiterju tal-Ingliżi, il-Furjana u jieħu ħsieb li miegħu jġib il-pistoli u parrinu. Iżda l-Lhudi minflok laqa' l-istedina għad-dwell mar jgħarraf b'kollox lill-qorti u talabha biex Green jiġi mwaħħal il-piena skont il-liġijiet ta' Malta.

Green ġie minnufih arrestat u mressaq quddiem il-qorti. Fix-xhieda tiegħu Green stqarr li kien hu li bagħat l-istedina għad-dwell lil Abeasis, u peress li dan ma laqax din l-istedina, huwa kien se jibqa' jżommu bħala raġel vili. Għall-mistoqsijiet li sarulu mill-prosekutur sar magħruf li Green kien jaħdem bħala ħajjat u li kien stieden lil Abeasis għad-dwell wara li dan għajjar lilu u lil niesu u t-tifel tiegħu (ta' Abeasis) kien darab lil ibnu f'rasu.

Għal din l-istqarrija, il-qorti qalet lil Green li huwa jmessu talab ħaqq mill-qorti u mhux jistieden lil Abeasis għad-dwell. Barra minn hekk il-qorti fakkritu wkoll li t-tilwima tagħhom kellha tispiċċa wara s-sentenza li tat l-istess qorti fl-14 ta' Awwissu ta' dik is-sena, iżda huwa (Green) minflok aċċetta s-sentenza u qagħad għaliha, ipprova jfittex li jitħallas b'idejh.

Barra minn hekk, il-qorti kompliet tfakkru wkoll li fil-liġijiet ta' Malta hemm stipulat li min jisteden għad-dwell huwa dejjem ħati f'għajnejn il-liġi u hemm pieni ħorox għal min jinqabad li jiksirhom.

Hawnhekk Green ammetta li kien għamel ħażin u peress li hu kien ilu f'Malta madwar ħames snin ma kienx jaf li l-liġi tipprojbixxi d-dwell fil-pajjiż. Wara din l-istqarrija Green ġie meħlus bil-kundizzjoni, li jekk jerġa' jkollu xi jgħid ma' Abeasis jew ma' niesu sew bil-kliem jew b'xi għemil, huwa jiġi minnufih arrestat u mitfugħ xahrejn ħabs.

Każ ieħor ġara fl-10 ta' Ġunju 1809 bejn Pietru Dená u Karlu Buscioni. Dawn it-tnejn kellhom xi jgħidu f'ħanut mimli bin-nies fil-Belt qrib sewwasew il-Lukanda La Diana. F'ħin minnhom Dená stieden għad-dwell lill-avversarju tiegħu biex jiltaqgħu l-għada għal ħabta ta' xit-8.00 a.m. barra l-bibien tal-Belt. Ġara li ċertu Manwel Zanchini li kien ta' nisel Awstrijak, meta sema' li sieħbu Buscioni kien ġie mistieden għad-dwell mar isibu, u fost ħafna kliem ipprova jdawru milli jidwella.

Iżda Buscione kien riżolut li jżomm kelmtu u saħansitra talab lil Zanchini biex ikun parrinu tiegħu f'dan il-dwell. Zanchini aċċetta mill-ewwel, mhux għax qabel ma' dan id-dwell iżda għax kien miksur minn ma' Dená.

F'ħin wara, Zanchini reġa' ltaqa' ma' Buscioni fl-istess kafè fejn qabel kienet inqalgħet it-tilwima u meta ntebaħ li sieħbu kien qiegħed jistenna lil Dená biex imorru jidwellaw, mill-ġdid ipprova jdawwarlu ħsiebu biex ma jħallihx jidwella u fakkru, li l-kwistjoni li kellu mal-avversarju tiegħu seta' faċilment igibha quddiem il-qorti. Meta Dená deher li ma żammx l-appuntament miftiehem, Buscioni ħareġ mill-ħanut, u meta Zanchini rah li tbiegħed xi ftit minnu għamel l-istess u għaġġel il-pass biex jilħqu.

Iżda meta fit-triq osserva li fizzjal tas-suldati kien qiegħed jgħasses lil sieħbu, reġa' lura fil-ħanut, bil-ħsieb li wara jgħaddi minn triq oħra u jmur jgħarraf b'kollox lil sieħbu. Iżda hekk kif daħal fil-ħanut lemaħ lil Dená, mar fuqu, u talbu biex imur miegħu ħalli jlaqqgħu ma' Buscione.

Dená peress li kien miksur minn miegħu rrifjuta l-offerta tiegħu u bi kliem konċiż urieh biċ-ċar li hu ma xtaqx li jkollu x'jaqsam miegħu. Iżda mid-dehra Zanchini ma ħax għalih, għax fl-istess nifs talbu biex jistennieh fil-ħanut sakemm hu jmur ifittex lil sieħbu u jgħidlu li kien qiegħed jistennieh.

Zanchini sab lil Buscioni ħdejn il-Qorti, u meta dan qallu lil Dená kien qiegħed jistennieh fil-kafè, ftiehem miegħu fuq xi ħaġa u telaq lejn il-ħanut. Zanchini flimkien ma' tfajjel mgħobbi b'żewġ xwabel ħareġ mill-Belt u qagħad jistennihom il-Furjana. Iżda meta Zanchini osserva li kien għadda ħafna ħin u Buscione kien għadu ma tfaċċax ħalla lit-tifel il-Furjana u reġa' daħal il-Belt ifittex lil ħabibu. Meta finalment iltaqa' miegħu u dan qallu li Dená kien talbu skuża, ftehmu li jerġgħu jiltaqgħu għal ħabta ta' xil-11.00 a.m. ħalli jirranġaw it-tilwima li kellhom bejniethom quddiem il-parrinijiet.

Zanchini kuntent li kollox issewwa bejn sieħbu u Dená, reġa' lura lejn il-Furjana u ħa x-xwabel id-dar.

Peress li l-pulizija kienet saret taf b'dan id-dwell arrestat kemm lill-Karlu Buscioni kif ukoll lill-Pietru Dená u lil ċertu Zanni Enrico li kien se jagħmilha tal-parrinu tiegħu u ġiegħlithom jibqgħu magħluqin f'darhom. Hawnhekk tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li f'dik l-epoka kienet drawwa li meta l-pulizija kienet tarresta xi nies sewwa, flok li kienu jiġu mitfugħin il-ħabs kif kienet tagħmel lill-kriminali, kienu jiġu mitlubin li jibqgħu magħluqin fi djarhom sakemm jindagaw il-każ sewwa.

Iżda ġara li peress li Buscioni kien negozjant, fit-12 ta' Ġunju 1809 kien kiteb ittra lill-Imħallef tal-Kriminal u wara li stqarrlu li l-kwistjoni li kellu ma' Dená kienet irrisolviet ruħha, talbu jagħtih permess biex hu personalment jitħalla jmur il-qorti biex jitlob li jiġi meħlus mill-arrest u b'hekk ikun jista' jkompli jieħu ħsieb in-negozju tiegħu.

Fil-fatt Pietru Dená fit-13 ta' Ġunju kiteb ukoll ittra oħra lill-Gvernatur fejn wara li għarrfu li l-kwistjoni li kellu ma' Karlu Buscioni kienet spiċċat, talbu biex joħroġ digriet li bih jeħles mill-arrest lilu u lil dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-kwistjoni.



*Tkompli f'ħarġa oħra*